MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 96/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jude Taddeo Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jude Taddeo Zammit talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe` nhar id-19 ta' Lulju 2006 ghall-habta ta' 21.00 hrs. u fil-jiem precedenti barra l-istabbiliment "Elysium Kiosk", Car Park, Triq Ghajn Tuffieha, Mgarr, Malta, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-imsemmi stabbiliment.

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imsemmi Jude Taddeo Zammit jinstab hati minn din il-Qorti, jigi kkundannat

ihallas multa ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 43(1) u 43(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Frar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, l-artikolu 15(1), 23(1)(2) u 23(3) ta’ l-Avviz Legali 128 tas-sena 2002 u l-artikolu 21 tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmi Jude Taddeo Zammit hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija izda flok multa ta’ Lm50 timponi multa ta’ mux anqas minn Lm500 skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kellha timponi multa ta’ mhux anqas minn Lm500 skond l-artikolu 43(1) tal-Kap. 409 li jghid li l-piena relattiva ghandha tkun bejn Lm500 u Lm10,000.

Mill-provi jirrizulta li l-Gaia Foundation ghandha licenzja biex topera l-Kiosk in kwistjoni. Din il-Fondazzjoni ghamlet *“operation agreement”* ma’ l-appellat sabiex imexxi l-Kiosk hu. Fid-129 ta’ Lulju 2006 fid-9.00 p.m. marru spetturi ta’ l-Awtorita` tat-Turizmu u sabu li l-appellat kellu mwejjed u siggijiet li ma kellux licenzja ghalihom.

L-Avukat Generali jippretendi li ghandu japplika l-artikolu 43(1) tal-Kap. 409 fir-rigward ta’ dan il-ksur. L-abbli difensur ta’ l-appellat ma jaqbilx u jirreferi proprju ghal dak li ntqal fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta

moghtija fit-8 ta’ Gunju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kenneth Cutajar**. Fil-fatt se ssir referenza ghas-segwenti bran minn dik is-sentenza u li huwa rilevanti ghal dan il-kaz:

**“Galadarba l-licenzja ma kinitx mahruga f’ismu [l-appellant] u anqas irrizulta li kellu licenzja ta’ *substitute,* l-artikolu 43(1)(b), invokat mill-prosekuzzjoni, ma japplikax ghalih. Di nid-disposizzjoni tapplika biss fil-kaz ta’ ‘min … ikollu licenzja …’ u jonqos li jhares xi kondizzjoni taghha jew restrizzjoni fiha imposta. Mill-provi jirrizulta li l-appellant ma kellu ebda licenzja; il-licenzja kienet fuq isem Emanuel Cutajar, u l-appellant kienet il-persuna li regolarment tmexxi ossia tiggestixxi r-*restaurant*. L-appellant, pero`, m’ghandux ragun meta jghid li r-regolament 15 tal-A.L. 128/2002 ma japplikax f’dan il-kaz. L-ewwel *proviso* tal-paragrafu (1) ta’ dan ir-regolament jipprovi testwalment hekk: *‘Izda l-ksur ta’ xi kundizzjoni ta’ licenzja li ghandha x’taqsam mat-tqeghid ta’ mwejjed, siggijiet jew affarijiet ohra jew partijiet minnhom minn detentur ta’ licenzja <u>jew minn xi persuna ohra jew minn xi agenti li jagixxu bl-awtorita` tad-detentur</u> f’xi spazju imsemmi, ghandu wkoll, ghall-finijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti’* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Kjarament l-appellant kien kemm ‘persuna ohra’ kif ukoll persuna li qes tagixxi ‘bl-awtorita` tad-detentur’. Ir-regolament 23(3), imbaghad, jistabilixxi illi ‘kull persuna’ – u ghalhekk mhux biss id-detntur tal-licenzja jew is-*substitute* licenzjat – li jonqos milli jhares id-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) jehel ‘multa ta’ hamsin lira ghal kull ksur’. Ifisser ghalhekk li l-appellant kellu jigi kkundannat hamsin lira u mhux hames mitt lira.”**

Dan il-bran japplika *mutandis mutandis* fil-kaz odjern. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement ikkundannat lill-appellat ghal multa ta’ Lm50 – ghalkemm jidher li dan ghamlitu wara li applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 izda b’mod inkorrett peress illi ma semmietx bir-reqqa kollha, kif mehtieg bl-imsemmi artikolu, ir-“ragunijiet specjali u

straordinarji" li wassluha sabiex tapplika l-piena attwalment inflitta minnha. F'dan il-kaz, il-multa ta' Lm50 kienet gustifikata mhux minhabba l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 izda a tenur tar-regolament 23(3) ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 2002.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu s-sejbien ta' htija u l-multa nflitta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------